VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,847, 28 ta' April, 2022

Taqsima B

A.L. 126 tal-2022

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina (Emenda Nru 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

L.S. 465.13.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina (Emenda Nru 6) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fit-2 ta' Mejju 2022.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Kull persuna li tasal f'Malta minn kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi li ġejjin ma għandhiex tkun meħtieġa li tissottometti ruħha għal perjodu ta' kwarantina mal-wasla tagħha, kemm-il darba jkollha fil-pussess tagħha, jew ċertifikat tat-tilqim jew riżultat negattiv tal-Polymerase Chain Reaction (PCR) COVID-19 test imwettaq mhux aktar minn tnejn u sebgħin (72) siegħa qabel il-wasla f'Malta jew riżultat negattiv tal-COVID-19 Rapid Antigen Test (RAT) imwettaq mhux aktar minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa qabel il-wasla f'Malta jew ċertifikat ta' fejqan mill-COVID-19 validu għal mhux aktar minn mija u tmenin (180) jum wara d-data tal-ewwel riżultat pożittiv tal-Polymerase Chain Reaction (PCR) COVID-19 test:

(a) l-Awstrija;
(b) Ċipru;
(ċ) ir-Repubblika Ċeka;
(d) id-Danimarka;
(e) l-Estonja;
(f) il-Finlandja;
(g) l-Ungerija;
(h) l-Iżlanda;

(i) l-Irlanda;
(j) il-Ġermanja;
(k) il-Latvja;
(l) il-Litwanja;
(m) il-Lussemburgu;
(n) in-Norveġja;
(o) l-Italja;
(p) Franza;
(q) is-Slovakkja;
(r) l-Iżvizzera;
(s) il-Greċja;
(t) il-Kroazja;
(u) Spanja;
(v) il-Polonja;
(w) il-Belġju;
(x) il-Bulgarija;
(y) l-Olanda;
(z) il-Kanada;
(aa) l-Awstralja;
(ab) New Zealand;
(aċ) il-Korea t'Isfel;
(ad) Andorra;
(ae) Monako;
(af) San Marino;
(ag) iċ-Ċina;
(ah) il-Belt tal-Vatikan;
(ai) Iżrael;
(aj) Singapor;
(ak) is-Slovenja;
(al) Ġibiltà;
(am) il-Ġappun;
(an) l-Istati Uniti tal-Amerika;
(ao) il-Portugall;
(ap) ir-Rumanija;
(aq) il-Libanu;
(ar) l-Emirati Għarab Magħquda;
(as) it-Turkija;
(at) il-Ġordan;
(au) il-Liechtenstein;
(av) l-Iżvezja;

(aw) il-Belarus;
(ax) Fiġi;
(ay) il-Ġeorġja;
(az) il-Gżejjer Faroe;
(ba) il-Kosovo;
(bb) il-Maċedonja ta' Fuq;
(bċ) il-Moldova;
(bd) il-Vjetnam;
(be) il-Libja;
(bf) il-Qatar;
(bg) Kuba;
(bh) l-Albanija;
(bi) l-Armenja;
(bj) l-Arabja Sawdija;
(bk) ir-Renju Unit;
(bl) il-Bahrain;
(bm) il-Gabon;
(bn) il-Kuwajt;
(bo) il-Maldivi;
(bp) Bermuda;
(bq) ir-Rwanda;
(br) ir-Russja;
(bs) Cabo Verde;
(bt) Saint Kitts u Nevis;
(bu) il-Mjanmar;
(bv) il-Malasja;
(bw) it-Tuneżija;
(bx) il-Marokk;
(by) l-Iraq;
(bz) it-Timor;
(ċa) l-Indja;
(ċb) l-Arġentina;
(ċċ) l-Ażerbajġan;
(ċd) il-Beliże;
(ċe) il-Butan;
(ċf) il-Gżejjer Cayman;
(ċg) iċ-Ċili;
(ċh) il-Kolombja;
(ċi) Ġibuti;
(ċj) il-Ginea Ekwatorjali;

(ċk) il-Gżejjer Falkland;
(ċl) l-Indoneżja;
(ċm) l-Iran;
(ċn) il-Ġamajka;
(ċo) Mawritanja;
(ċp) l-Oman;
(ċq) il-Panama;
(ċr) São Tomé u Prìncipe;
(ċs) Trinidad u Tobago;
(ċt) l-Urugwaj;
(ċu) il-Bahamas;
(ċv) Barbados;
(ċw) il-Brunei;
(ċx) Grenada;
(ċy) in-Namibja;
(ċz) l-Afrika t'Isfel;
(da) is-Sri Lanka;
(db) it-Tajlandja;
(dċ) Vanuatu;
(dd) Serbja;
(de) il-Costa Rica;
(df) Saint Lucia;
(dg) ir-Repubblika Dominicana;
(dh) il-Bożnija-Ħerżevogina;
(di) il-Montenegro;
(dj) il-Gżejjer Verġni Brittaniċi;
(dk) El Salvador;
(dl) Mayotte;
(dm) il-Guyana Franċiża;
(dn) Martinique;
(do) Guadeloupe;
(dp) il-Polineżja Franċiża:".